

Brussell, 9 ta' Ġunju 2026
(OR. en)

10362/26

ENV 698
WTO 71
MI 606
CHIMIE 75
DELECT 96

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	9 ta' Ġunju 2026
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	C(2026) 3735 final
Suġġett:	REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../... ta'9.6.2026 li jemenda u jikkoreġi r-Regolament (UE) Nru 649/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-elekar tal-pestiċidi u tas-sustanzi kimiċi industrijali

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument C(2026) 3735 final.

Mehmuż: C(2026) 3735 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 9.6.2026
C(2026) 3735 final

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...

ta'9.6.2026

li jemenda u jikkoreġi r-Regolament (UE) Nru 649/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-elenkar tal-pestiċidi u tas-sustanzi kimiċi industrijali

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-ATT DELEGAT

L-att delegat jemenda l-listi tas-sustanzi kimiċi fl-Annessi I u V tar-Regolament (UE) Nru 649/2012 abbażi tal-iżviluppi fid-dritt tal-Unjoni u skont il-Konvenzjoni ta' Rotterdam. L-Artikolu 23(1) tar-Regolament (UE) Nru 649/2012 dwar l-esportazzjoni u l-importazzjoni tas-sustanzi kimiċi perikolużi jeżiġi li l-Kummissjoni tirreżamina l-lista tas-sustanzi kimiċi fl-Anness I ta' dak ir-Regolament imqar darba fis-sena u abbażi tal-iżviluppi fid-dritt tal-Unjoni u skont il-Konvenzjoni ta' Rotterdam.

Mill-aħħar rieżami tal-Anness I f'Ottubru 2024, ittieħdu għadd ta' azzjonijiet regolatorji finali fir-rigward ta' ċerti sustanzi kimiċi skont ir-Regolament (KE) Nru 1107/2009 dwar it-tqegħid fis-suq tal-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti. Tqiesu wkoll ir-rekwiżiti legali skont ir-Regolament (UE) Nru 528/2012 dwar it-tqegħid fis-suq u l-użu tal-prodotti bjoċidali u r-Regolament (KE) Nru 1907/2006 dwar r-reġistrazzjoni, il-valutazzjoni, l-awtorizzazzjoni u r-restrizzjoni tas-sustanzi kimiċi (REACH).

Waqt it-12-il laqgħa tal-Konferenza tal-Partijiet tal-Konvenzjoni ta' Rotterdam, li saret f'Ġinevra bejn it-28 ta' April u d-9 ta' Mejju 2025, ġie deċiż li jiddaħħlu iktar sustanzi kimiċi fl-Anness III tal-Konvenzjoni ta' Rotterdam.

Waqt il-11-il laqgħa tal-Konferenza tal-Partijiet tal-Konvenzjoni ta' Stokkolma, li saret f'Ġinevra mill-1 sat-12 ta' Mejju 2023, ġie deċiż li jiddaħħlu iktar sustanzi kimiċi fl-Anness A tal-Konvenzjoni ta' Stokkolma. Dawn is-sustanzi kimiċi ġew inklużi fl-Anness I tar-Regolament (UE) 2019/1021 dwar il-pollutanti organiċi persistenti.

2. KONSULTAZZJONIJIET QABEL L-ADOZZJONI TAL-ATT

L-esperti maħtura mill-Istati Membri ġew ikkonsultati dwar l-abbozz tal-att delegat fil-grupp ta' esperti rilevanti (il-“grupp ta' esperti PIC DNA”) u l-kummenti tagħhom ġew ikkunsidrati. Il-partijiet ikkonċernati rilevanti (inkluż l-industrija tas-sustanzi kimiċi u s-soċjetà ċivili) ħadu sehem ukoll fid-diskussjonijiet dwar l-emendi tar-Regolament matul il-laqgħa tal-grupp ta' esperti PIC DNA u l-kummenti tagħhom ġew ikkunsidrati wkoll.

Saret konsultazzjoni pubblika dwar l-abbozz tal-att delegat mill-14 ta' Lulju 2025 sal-11 ta' Awwissu 2025. Kien hemm 79 parti kkonċernata li ppreżentaw xi kummenti, u dawn ġew ikkunsidrati.

3. ELEMENTI LEGALI TAL-ATT DELEGAT

L-att delegat jemenda l-listi tas-sustanzi kimiċi fl-Annessi I u V tar-Regolament (UE) Nru 649/2012 abbażi tal-iżviluppi fid-dritt tal-Unjoni u skont il-Konvenzjoni ta' Rotterdam. L-Artikolu 23(1) tar-Regolament (UE) Nru 649/2012 jeżiġi dan. Il-bażi legali tal-att delegat hija l-Artikolu 23(4), il-punti (a) u (b) tar-Regolament (UE) Nru 649/2012.

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...

ta'9.6.2026

li jemenda u jikkoreġi r-Regolament (UE) Nru 649/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-elenkar tal-pestiċidi u tas-sustanzi kimiċi industrijali

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 649/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Lulju 2012 dwar l-esportazzjoni u l-importazzjoni ta' sustanzi kimiċi perikolużi¹, u b'mod partikolari l-Artikolu 23(4), il-punti (a) u (b) tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament (UE) Nru 649/2012 jimplimenta l-Konvenzjoni ta' Rotterdam dwar il-Proċedura għall-Kunsens Infurmat bil-Quddiem għal ċerti kimiċi u pestiċidi perikolużi fil-kummerċ internazzjonali² ("il-Konvenzjoni ta' Rotterdam").
- (2) Is-sustanza karbendażim hija elenkata fil-Parti 1 tal-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 649/2012, abbażi ta' projbizzjoni fis-subkategorija "pestiċida fil-grupp ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti". Barra minn hekk, is-sustanza attiva karbendażim ġiet irtirata mill-industrija mill-proċess ta' approvazzjoni skont ir-Regolament (UE) Nru 528/2012, u dan jammonta għal projbizzjoni fis-subkategorija "pestiċidi oħrajn li jinkludu l-bijoċidi". Għaldaqstant, il-karbendażim hija pprojbita minn kull użu fil-kategorija "pestiċidi" u jenħtieġ li tiżded mal-lista tas-sustanzi kimiċi stabbilita fil-Parti 2 tal-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 649/2012. Minħabba l-elenkar tas-sustanza karbendażim fil-Parti 2 huwa meħtieġ li tiġi aġġornata l-entrata dwar il-karbendażim fil-Parti 1 biex tirrifletti li s-sustanza hija elenkata wkoll fil-Parti 2.
- (3) Bir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2024/2806³, il-Kummissjoni ddeċidiet li ma ġġeddidx l-approvazzjoni tas-sustanza metribużin bħala sustanza attiva skont ir-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁴. Dik id-deċiżjoni kellha l-effett li tipprojbixxi l-metribużin minn kull użu fil-kategorija "pestiċidi", minħabba l-fatt li ma ġietx approvata għall-ebda użu ieħor f'dik il-

¹ ĠU L 201, 27.7.2012, p. 60, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2012/649/oj>.

² ĠU L 63, 6.3.2003, p. 27, ELI: [http://data.europa.eu/eli/dec/2003/106\(1\)/oj](http://data.europa.eu/eli/dec/2003/106(1)/oj).

³ Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2024/2806 tal-31 ta' Ottubru 2024 li jikkonċerna n-nuqqas ta' tiġdid tal-approvazzjoni tas-sustanza attiva metribużin, f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 540/2011 u r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/408 (ĠU L, 4.11.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2024/2806/oj).

⁴ Ir-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti u li jħassar id-Direttivi tal-Kunsill 79/117/KEE u 91/414/KEE (ĠU L 309, 24.11.2009, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2009/1107/oj>).

kategorija. Għalhekk, il-metribużin jenħtieġ li tiżdied mal-listi tas-sustanzi kimiċi stabbiliti fil-Partijiet 1 u 2 tal-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 649/2012.

- (4) Is-sustanzi attivi dodemorf, inkluż l-aċetat tad-dodemorf, il-fenpirazamin, il-flumetralin, il-metaflumiżon, il-piridalil u t-tritosulfuron ġew irtirati mill-industrija rilevanti mill-proċess ta' approvazzjoni skont ir-Regolament (KE) Nru 1107/2009. Dan l-irtirar kellu l-effett li jipprojbixxi l-użu ta' dawk is-sustanzi fis-subkategorija "pestiċida fil-grupp ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti", u dan jammonta għal projbizzjoni ta' kull użu fil-kategorija "pestiċidi", minħabba l-fatt li dawk is-sustanzi ma humiex approvati għal ebda użu ieħor f'dik il-kategorija. Barra minn hekk, il-klassifikazzjoni armonizzata tad-dodemorf, tal-fenpirazamin, tal-flumetralin, tal-metaflumiżon, tal-piridalil u tat-tritosulfuron skont ir-Regolament (KE) Nru 1272/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁵ hija biżżejjed evidenza li s-sustanzi jqajmu tħassib għas-saħħa tal-bniedem jew għall-ambjent. Għalhekk, id-dodemorf, il-fenpirazamin, il-flumetralin, il-metaflumiżon, il-piridalil u t-tritosulfuron jenħtieġ li jiżdiedu mal-listi tas-sustanzi kimiċi stabbiliti fil-Partijiet 1 u 2 tal-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 649/2012.
- (5) Is-sustanza attiva idroklorur tal-polieżameten bigwanid PHMB (1600; 1,8) ġiet irtirata mill-industrija rilevanti mill-proċess ta' approvazzjoni skont ir-Regolament (UE) Nru 528/2012 fir-rigward tal-użu fil-prodotti bijoċidali tat-tipi ta' prodott 2, 3 u 11. Barra minn hekk, is-sustanza ma hijiex approvata għall-użu fit-tipi ta' prodott 1, 5, 6 u 9 u hija approvata biss għall-użu fil-prodotti bijoċidali tat-tip ta' prodott 4. Dan jammonta għal restrizzjoni severa tal-użu tas-sustanza fis-subkategorija "pestiċidi oħrajn li jinkludu l-bijoċidi". Barra minn hekk, is-sustanza ma hijiex approvata għall-użu fis-subkategorija "pestiċida fil-grupp ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti". Għaldaqstant, is-sustanza idroklorur tal-polieżameten bigwanid PHMB (1600; 1,8) hija ristretta b'mod sever għall-użu fil-kategorija "pestiċidi" u għalhekk jenħtieġ li tiżdied mal-lista tas-sustanzi kimiċi stabbilita fil-Partijiet 1 u 2 tal-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 649/2012.
- (6) Is-sustanzi DEHP, DBP, triossidu tad-diarseniku, trikloroetilen, triossidu tal-kromu, "aċidi ġġenerati mit-triossidu tal-kromu u l-oligomeri tagħhom: l-oligomeri tal-aċidu kromiku u tal-aċidu dikromiku, l-aċidu kromiku, l-aċidu dikromiku", id-dikromat tas-sodju, id-dikromat tal-potassju, id-dikromat tal-ammonju, il-kromat tal-potassju, il-kromat tas-sodju, l-aċidu arseniku, il-bis(2-metossietil) etere, it-"2,2'-dikloro-4,4'-metilen dianilina; 1-4,4'-metilenbis[2-kloroanilina] (MOCA)", it-tris(kromat) tad-dikromu, il-kromat tal-istronzju, l-idrossiottaossodiżinkatdikromat tal-potassju, l-ottaidrossidu tal-kromat tal-pentażingu, u "żift, qatran tal-faħam, temperatura għolja" huma kklassifikati bħala karċinoġeni tal-kategorija 1A jew 1B, jew mutaġeni tal-kategorija 1A jew 1B, jew tossiċi għar-riproduzzjoni tal-kategorija 1A jew 1B f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 1272/2008. Barra minn hekk, dawn huma inklużi fl-Appendiċijiet 1 sa 6 tal-Anness XVII tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁶ u huma koperti mill-entrati 28, 29 jew 30 tal-

⁵ Ir-Regolament (KE) Nru 1272/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar il-klassifikazzjoni, l-ittikkettar u l-imballaġġ tas-sustanzi u t-taħlitiet, li jemenda u jħassar id-Direttivi 67/548/KEE u 1999/45/KE, u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1907/2006 (ĠU L 353, 31.12.2008, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2008/1272/oj>).

⁶ Ir-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 dwar ir-Reġistrazzjoni, il-Valutazzjoni, l-Awtorizzazzjoni u r-Restrizzjoni ta' Sustanzi Kimiċi (REACH), li jistabbilixxi Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi, li jemenda d-Direttiva 1999/45/KE u li jħassar ir-Regolament (KEE) Nru 793/93 tal-Kunsill u r-Regolament (KE) Nru 1488/94 tal-

Anness XVII ta' dak ir-Regolament, li jfisser li huma pprojbiti milli jitqiegħdu fis-suq u milli jintużaw għall-provvista lill-pubbliku ġenerali. Għaldaqstant, l-użu ta' dawk is-sustanzi huwa ristrett b'mod sever fis-subkategorija "sustanza kimika industrijali għall-użu mill-pubbliku" u għalhekk jenħtieġ li jiżdiedu mal-lista ta' sustanzi kimiċi stabbilita fil-Parti 1 tal-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 649/2012.

- (7) Is-sustanzi 5-sec-butyl-2-(2,4-dimethylcyclohex-3-en-1-yl)-5-methyl-1,3-dioxane [1], 5-sec-butyl-2-(4,6-dimethylcyclohex-3-en-1-yl)-5-methyl-1,3-dioxane [2]", UV-328, UV-327, UV-350, UV-320, "4,4'-bis(dimethylamino)-4''-(methylamino)alkoħol tat-tritol", "prodotti tar-reazzjoni ta' 1,3,4-tijadiazolidina-2,5-dition, formaldeid u 4-epitifenol, ramifikati u lineari (RP-HP)", u "massa ta' reazzjoni ta' 2-etileżil-10-etil-4,4-diottil-7-osso-8-ossa-3,5-ditia-4-stannatetradekanoat u 2-etileżil-10-etil-4-[[2-[(2-etileżil)ossi]-2-ossoetil]tijo]-4-ottil-7-osso-8-ossa-3,5-ditia-4-stannatetradekanoat (massa ta' reazzjoni ta' DOTE u MOTE)" huma identifikati bħala sustanzi ta' tħassib serju ħafna f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 1907/2006 u huma elenkati fl-Anness XIV ta' dak ir-Regolament. Għalhekk, l-użu ta' dawk is-sustanzi huwa soġġett għal awtorizzazzjoni f'konformità mat-Titolu VII tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006. Billi ma ngħatat l-ebda awtorizzazzjoni, dawk is-sustanzi huma ristretti b'mod sever għall-użu industrijali. Għalhekk, dawk is-sustanzi jenħtieġ li jiżdiedu mal-listi tas-sustanzi kimiċi stabbiliti fil-Partijiet 1 u 2 tal-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 649/2012.
- (8) Is-sustanza Dechlorane Plus hija elenkata fl-Anness I tar-Regolament (UE) 2019/1021 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁷. L-inklużjoni f'dak l-Anness għandha l-effett li tirrestrinġi b'mod sever l-użu tas-sustanza Dechlorane Plus fil-kategorija "sustanza kimika industrijali". Għalhekk, jenħtieġ li tiżdied mal-listi tas-sustanzi kimiċi stabbiliti fil-Partijiet 1 u 2 tal-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 649/2012.
- (9) Is-sustanza abamektina hija elenkata fil-Parti 1 tal-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 649/2012. Sabiex jiġi ċċarat il-kamp ta' applikazzjoni tal-entrata jenħtieġ li jiżdied identifikatur numeriku addizzjonali f'dik l-entrata.
- (10) Is-sustanza terbufos hija elenkata fil-Parti 3 tal-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 649/2012. F'dik l-entrata jenħtieġ li jiġi kkoreġut il-kodiċi SA għat-taħlitiet li fihom it-terbufos.
- (11) Waqt it-12-il laqgħa tagħha li saret mit-28 ta' April sad-9 ta' Mejju 2025, il-Konferenza tal-Partijiet tal-Konvenzjoni ta' Rotterdam iddeċidiet li tinkludi s-sustanzi karbosulfan u fentijon (formulazzjonijiet b'volum ultrabaxx b'640 g ta' ingredjent attiv jew iktar/L) fl-Anness III ta' dik il-Konvenzjoni, bl-effett li dawk is-sustanzi kimiċi saru soġġetti għall-proċedura ta' kunsens infurmat minn qabel skont dik il-Konvenzjoni. Għaldaqstant, dawk is-sustanzi jenħtieġ li jiżdiedu mal-lista tas-sustanzi kimiċi stabbilita fil-Parti 3 tal-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 649/2012. Peress li l-karbosulfan diġà huwa elenkat fil-Parti 2 tal-Anness I ta' dak ir-Regolament, jenħtieġ li s-sustanza titneħħa mil-lista tas-sustanzi kimiċi stabbilita fil-Parti 2 tal-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 649/2012. Minħabba t-tneħħija tal-karbosulfan mill-Parti 2 u l-

Kummissjoni kif ukoll id-Direttiva 76/769/KEE tal-Kunsill u d-Direttivi 91/155/KEE, 93/67/KEE, 93/105/KE u 2000/21/KE tal-Kummissjoni (ĠU L 396, 30.12.2006, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2006/1907/oj>).

⁷ Ir-Regolament (UE) 2019/1021 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 dwar il-pollutanti organiċi persistenti (ĠU L 169, 25.6.2019, p. 45, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2019/1021/oj>).

elenkar tas-sustanza fil-Parti 3, jeħtieġ li l-entrata dwar il-karbosulfan fil-Parti 1 tiġi aġġornata biex tirrifletti dawn il-bidliet.

- (12) Fil-11-il laqgħa tagħha li saret mill-1 sat-12 ta' Mejju 2023, il-Konferenza tal-Partijiet tal-Konvenzjoni ta' Stokkolma dwar il-Pollutanti Organiċi Persistenti ddeċidiet li tinkludi s-sustanzi Dechlorane Plus, methoxychlor u UV-328 fl-Anness A ta' dik il-Konvenzjoni. Għaldaqstant, daww is-sustanzi ġew elenkati fil-Parti A tal-Anness I tar-Regolament (UE) 2019/1021 u għalhekk jenħtieġ li jiżdiedu mal-lista tas-sustanzi kimiċi stabbilita fil-Parti 1 tal-Anness V tar-Regolament (UE) Nru 649/2012.
- (13) Għalhekk, jenħtieġ li r-Regolament (UE) Nru 649/2012 jiġi emendat u kkoreġut kif xieraq.
- (14) Jixraq li jingħata perjodu ta' żmien raġonevoli li jippermetti lill-partijiet interessati jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jikkonformaw ma' dan ir-Regolament u lill-Istati Membri jieħdu l-miżuri meħtieġa għall-implimentazzjoni tiegħu; għalhekk, jenħtieġ li d-data tal-applikazzjoni tiġi differita,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Emendi

Ir-Regolament (UE) Nru 649/2012 huwa emendat kif ġej:

- (1) l-Anness I huwa emendat f'konformità mal-Anness I ta' dan ir-Regolament;
- (2) l-Anness V huwa emendat f'konformità mal-Anness II ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Korrezzjoni

Fl-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 649/2012, il-Parti 3, it-tabella, l-entrata għat-“terbufos”, ir-raba' kolonna, “ex 3808.59” hija sostitwita b’“ex 3808.91”.

Artikolu 3

Dħul fis-seħħ u applikazzjoni

Dan ir-Regolament għandu jidhul fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mill-1 ta' Ottubru 2026.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 9.6.2026

Għall-Kummissjoni

Il-President

Ursula VON DER LEYEN